**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Lulju 2021;</u>**

**<u>Rikors nru: 396/2020 AGV ;</u>**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB,** datat 13 ta' Novembru 2020, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Novembru, 2006, hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi tat-30 ta’ Novembru tas-sena 2011, kopja ta’ liema kuntratt qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok B;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli, jew remot, ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante illi dawn ilhom jghixu b’mod separat minn xulxin ghal aktar minn disa’ snin cioe’ minn qabel Novembru tas-sena 2011 u llum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi l-ebda mill-partijiet ma huwa obbligat li jhallas manteniment lill-parti l-ohra , u ghalhekk l-esponenti tiddikjara illi sal-gurnata tallum, ma hemmx pendenzi bejn il-partijiet dwar il-manteniment;

6. Illi L-esponenti tixtieq li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

7. Illi ghal kull buon fini, qieghed jigi specifikat li f’paragrafu 17 tal-kuntratt tas-separazzjoni, il-mara zammet kunjom xbubitha, jigifieri E.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, jghogobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja:

Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex dan jigidebitament irregistrat fir-Registru Pubbliku, ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Rat li l-intimat ma oggezzjonax ghat-talbiet.

**DECIDE:**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep. Reg.** |